TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Ray Brincat

vs

John Felice ezercenti l-kummerc bhala Felix Electronics

CCT 223/23/MS

20 Marzu 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-4 ta' Dicembru 2023 fejn talab lil dan it-Tribunal jikudanna l-intimat/ azjenda intimata thallsu s-somma ta' mija u disghin euro, prezz ta' IPTV box mixtri minghand l-azjenda intimata, liema kaxxa kienet difettuza mill-bidu.

Ra r-risposta tal-intimat/ azjenda intimata fejn eccepiet illi r-rikorrent kien mar ghandu xi tlett darbiet u dejjem hareg kuntent wara li l-intimat kien jerga' jissettja l-kaxxa li kienet ghadha tahdem. In oltre qal illi l-garanzija kienet ta' sena u l-kaxxa kienet tiswa mitt euro u mhux iktar.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Ottubru 2021, ir-rikorrent mar fil-hanut tal-intimat u xtara kaxxa tal-IPTV. Ir-rikorrent ighid illi propjament mar biex jixtri batterija izda dakinhar interessa ruhu biex jixtri kaxxa tal-IPTV wara li sema' l-intimat li kien qed jaqdi nies ohra fejn kien qed urihom dawn il-kaxxi. Fil-fatt ir-rikorrent ighid li kien hemm zewg tipi - wiehed li kien jiswa €160.00 u l-ohra ta' €200.00. Ir-rikorrent iddecieda li jixtri l-kaxxa ta' mitejn euro u l-intimat halliehielu mija u disghin euro. Ir-rikorrent hallsu u l-intimat tah ircevuta li indika l-ammont ta' €19,000, alavolja hu hallas biss €190.00. Qallu ukoll illi l-kaxxa kienet koperta b' sentejn garanzija. Dan kien wara nofs in-nhar, ghall-habta tas-saghtejn, u malli wasal id-dar u qabbdu mat-television tieghu, il-kaxxa waqfet tahdem. L-ghada cempel u baqa' jcempel ghal diversi xhur, u kull darba l-intimat kien igiblu xi skuza - daqqa kien

iwahhal fl-*ispeed* tal-internet, jew fil-Melita jew kien igib xi skuza ohra. Ghalkemm kien hemm drabi meta r-rikorrent irnexxielu jara xi haga, s-servizz kien *'intermittent'* u mhux dak li ppretenda. Ir-rikorrent ipprezenta diversi *screenshots* mehudin tul perjodu ta' zmien minn Ottubru 2021 sa' Ottubru 2023 fejn il-kaxxa ma kenitx qed tahdem.

Illi xehed ukoll l-intimat li kkonferma illi l-ircevuta kienet tieghu u seta' ha zball fl-ammont. Qal illi l-garanzija kienet ghal perjodu ta' sena, u mhux sentejn u li r-rikorrent kien gie ghandu tlett darbiet biss. Qal illi l-kaxxa tinbiegh ghal mitt euro u mhux iktar u l-prezz ta' €190.00 kienet tinkludi wkoll is-servizz. L-intimat qal illi hu dejjem assista lir-rikorrent u irrangalu l-kaxxa minghajr ma hadlu l-flus, u jekk kien hemm problema dak kien gej min-naha tar-rikorrent . Qal illi li kieku kien l-agent, kien jaqbad u jtih kaxxa gdida.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal huwa ben sodisfatt illi l-kaxxa ma kenitx tahdem kif suppost u dan mhux minhabba problema fl-internet, imma peress illi l-kaxxa stess kienet difettuza.
Wara li ra d-dokumenti kollha, inkluz il-messaggi kollha li gew skambjat bejn il-partijiet partikolarment dawk li jibdew mill-ghada tal-bejgh (28 Ottubru 2021) sa' Ottubru 2023, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ghandu ragun fit-talba tieghu. Il-fatt illi l-kaxxa kienet tiswa mitt euro ma tantx taghmel differenza fic-cirkostanzi, ghaliex ir-rikorrent hallas mija u disghin euro, kemm ghal kaxxa kif ukoll ghas-servizz, liema servizz zgur ma kienx dak mistenni, ghalkemm ir-rikorrent qal illi kien hemm perjodi meta' irnexxielu jara. Mill-provi rrizulta wkoll illi kien hemm zmien meta l-kaxxa inzammet mill-intimat, u perjodi fejn ir-rikorrent ghamel tlett ijiem jew iktar ma jara xejn.

Ghalkemm l-intimat ghid illi l-garanzija kienet biss ta' sena, dan bl-ebda mod ma gie ippruvat. Illi skond gurisprudenza kostanti, min jallega irrid jipprova. Huwa pacifiku illi garanzija fuq prodotti ikopru perjodu minimu ta' sentejn u allura kien sta ghall-intimat illi jgib prova illi l-garanzija kienet biss ghal sena, liema prova ma ngabitx.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi meta r-rikorrent xtara l-prodott, l-intimat qallu li l-garanzija kienet ghall-perjodu ta' sentejn. L-ilment gie registrat formalment fl-11 ta' Ottubru 2023, u ghalhekk entro l-perjodu tal-garanzija u t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-kaxxa qatt ma hadmet kif suppost mill-ewwel gurnata tal-bejgh, pero' tajjeb hazin ir-rikorrent ghamel ftit uzu mis-servizz, allura dan ghandu jigi rifless fil-quantum.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jikundanna l-intimat/ azjenda intimata, in solidum, ihallsu l-ammont ta' mija u hamsin euro (€150.00). Bi dritt tal-intimat/ azjenda intimata illi jiehdu lura l-kaxxa wara li jsir il-hlas. Bl-ispejjes kontra l-istess intimat/ azjenda intimata.

**Dr Michela Spiteri LL.D.**

**Arbitru**